# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 76

L-Erbgħa 21 ta' Frar 2024

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 'Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże' Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex' nhar il-Erbgħa 21 ta' Frar 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Joseph Cauchi – Kunsillier
Is-Sinjura Juliet Attard - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

76.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Joseph Cauchi u l-Kunsilliera Juliet Attard infurmaw lill-Kunsill li ser ikunu indisposti. Il-membri tal-Kunsill aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

### 76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

76.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 75 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

76.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

76.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

76.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, ressaq suġġeriment għall-kunsiderazzjoni tal-membri preżenti sabiex il-Kunsill jorganizza ħarġa kulturali għall-festa ta' San Pawl fil-Belt Valletta nhar l-24 ta' Frar 2024, attivita' nhar Jum Il-Mara fit-8 ta' Marzu 2024 u ħarġa kulturali ġewwa l-Isla bi żjara lix-Xbieha Mirakoluża ta' Ġesu Redentur nhar id-19 ta' Marzu 2024. Kien hemm qbil mill-membri preżenti dwar dan.

76.3.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-Kunsill qed jaħdem fuq il-preparazzjonijiet għat-tielet edizzjoni tal-"Fireworks & Gastronomy Festival", attivita' annwali fi Triq L-Isqawi fil-Munxar. Din is-sena ser tkun nhar il-Ġimgħa 26 t'April 2024 bis-sehem ta' "DCapitals Big Band" u "Ira Losco & Band". Hu fakkar kif parti mill-finanzjament ta' din l-attivita' hija mill-iskema maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali SPI/SCI/01/2023.

76.3.3 Is-Sindku informa lill-membri li wara li kien hemm xi ħsarat fil-main tal-elettriku ta' Enemalta PLC fi Triq Marziena, kellu jsir xi xogħol ta' skavar fil-bankina biex dan jissewwa. Is-Sindku spjega li l-Kunsill qed jagħmel pressjoni ma' Enemalta PLC biex il-bankina terġa' ssir kif kienet qabel b'*imprint concrete*.

**76.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

76.4.1 Il-Kunsillier Mark Busuttil staqsa dwar il-possibilta' sabiex il-kulur tad-dwal tal-fanali dekorattivi fix-Xlendi ikunu kollha l-istess kulur u mhux uħud b'dawl safrani u wħud b'dawl bajdani. Kien hemm qbil mill-membri preżenti biex tinġibed l-attenzjoni u jinbidlu l-bozoz.

**76.5 Proġetti fil-Lokalita';**

76.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet ippublikata s-sejħa għall-offerti sabiex jiġu nstallati sistemi ta' *CCTV cameras* madwar il-lokalita' kemm fil-Munxar u kemm fix-Xlendi. Din l-offerta ser tagħlaq nhar il-5 ta' Marzu 2024. Huwa fakkar li dan il-proġett ser ikun parzjalment iffinanzjat mill-iskema SPI/SCI/04/2023 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex jinħatru s-Sur William Sultana, L-*Accountant* Daniel Galea u l-Inġinier Mario Cauchi fil-bord tal-evalwazzjoni tal-offerti filwaqt li s-Sindku jkun iċ-*chairperson* tal-bord u s-segretarju eżekuttiv ikun is-segretarju tal-bord.

76.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġiet approvata l-applikazzjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex jiġi nstallat arloġġ fil-bajja tax-Xlendi kif ukoll biex tikber il-bankina fejn ser jiġi nstallat dan l-istess arloġġ.

76.5.3 Is-Sindku għarraf lill-membri li ġew konklużi x-xogħlijiet ta' tisbieħ fix-Xlendi li kien jinkludi sistema ġdida ta' fanali dekorattivi fi Triq San Xmun, Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, parti minn Triq ir-Rabat u parti minn Triq Sant'Indirja, kif ukoll installazzjoni ta' *railing* ġdid fi Triq San Xmun. Huwa fakkar kif dan ix-xogħol ġie ffinanzjat minn fondi tal-Kunsill Reġjonali Għawdex u minn fondi tal-iskema SPI/SCI/3/2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali flimkien ma' fondi tal-Kunsill.

76.5.4 Dwar il-fanali solari li ser jiġu nstallati fil-passaġġ ta' taħt Triq il-Kantra fix-Xlendi mistenni jibda x-xogħol fix-xahar ta' Marzu.

76.5.5 Is-Sindku għarraf lill-membri li fir-rigward tal-proġett tad-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka, il-Kunsill qed jistenna u jiġri wara l-kuntratturi biex jibdew ix-xogħlijiet.

76.5.6 Dwar il-proġett minn Enemalta PLC sabiex isaħħu l-infrastruttura tal-elettriku fix-Xlendi, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-permess ta' *road trenching* u mistenni jibda x-xogħol fil-jiem li ġejjin skont il-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill.

## 76.6 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2023;

76.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*financial statements* għas-sena 2023 għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-membri li kienu intbagħtu wkoll għall-attenzjoni tagħhom permezz ta' *email*.
Il-*financial statements* għas-sena 2023 ġew approvati unanimament mill-membri preżenti u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 76.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report*: Jannar 2023 – Diċembru 2023 (Ir-raba' kwart);

76.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta r-rapport finanzjarju ta' kull kwart mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 li ntbagħat wkoll għall-attenzjoni tal-membri permezz ta' *email*.
Ir-rapport finanzjarju tar-raba' kwart Jannar 2023 – Diċembru 2023 ġie approvat unanimament mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 76.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

76.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza għall-'Premju Mara' mniedi minn Dr Lydia Abela li ser jiġi preżentat f'attivita nhar Jum Il-Mara fit-8 ta' Marzu 2024. Kien hemm qbil mill-membri preżenti għan-nomina tas-Sinjura Salvina Saliba għas-sehem tagħha fil-volontarjat matul is-snin.

76.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali bi tnedija ta' 5 skemi għall-Kunsilli Lokali għas-sena 2024:
SPI/SCI/01/2024 – Espressjoni ta' Interess: Servizz ta' xogħlijiet għal żvilupp ta' *Community Gardens* fil-Lokalitajiet madwar Malta u Għawdex. Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil li din l-iskema ma taplikax għall-Kunsill tal-Munxar minħabba li diġa' għandu ħaddiema li jistgħu jwettqu xogħlijiet minuri li jistgħu jagħtu servizz simili.
SPI/SCI/02/2024 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi. Kien hemm qbil mill-membri preżenti sabiex tiġi sottomessa din l-applikazzjoni.
SPI/SCI/03/2024 – Inizjattiva Finanzjarja: Lokalitajiet aktar nodfa. Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill jissottometti din l-applikazzjoni biex issir l-attivita' annwali tal-*cleanup* f'Settembru 2024.
SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.
SPI/SCI/05/2024 – Skema għall-attivitajiet kulturali annwali u natalizji 2024/2025. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jissottometti din l-applikazzjoni għall-attivitajiet kulturali u natalizji li joganizza matul is-sena.

76.8.3 Il-Kunsill irċieva talba għal *no objection* dwar attivita' li ser tittella mill-Kunsill Lokali Għarb nhar is-17 ta' Marzu bl-isem "Charity Ride" li ser tgħaddi minn diversi żoni madwar Għawdex. Wara diskussjoni bejn il-membri, kien hemm qbil sabiex tingħata aktar informazzjoni dwar ir-rotta u jekk hux ser jingħalqu xi toroq fil-lokalita' tal-Munxar u Xlendi.

76.8.4 Il-Kunsill irċieva konferma li ġiet sottomessa l-applikazjoni mill-Kunsill bit-talba għall-Fond ta' Aġġustament għas-sena 2024.

76.8.5 Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Transport Malta sabiex isir parkeġġ riservat personalizzat fi Triq Ras il-Bajjada fil-Munxar. Il-membri preżenti ma sabux oġġezzjoni.

76.8.6 PQ 14299 – Dog Parks u Cat Cafe's fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

76.8.7 PQ 15814 – Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

76.8.8 PQ 15258 – Vetturi Abbandunati fil-Lokalitajiet. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

76.8.9 PQ 15385 – Segretarji Eżekuttivi li għandhom impjieg/dħul mal-Gvern. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

76.8.10 PQ 16136 – Latrini Pubbliċi f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

76.8.11 PQ 15895 – Latrini li sarilhom refurbishment f'Għawdex. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba.

76.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/012 – Enemalta report: Street Lighting Demarcation Boxes. Il-Kunsill innota l-kontenut.

76.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2024/013 – Active Ageing and Community Care – Elderly Services. Il-Kunsill innota l-kontenut.

76.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2024/014 – The Master in Maltese Studies applications. Il-Kunsill innota l-kontenut.

76.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2024/015 – Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Assistent Prinċipal Skala 11. Il-Kunsill innota l-kontenut.

76.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2024/016 – Collaborative Mural Project. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 76.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

76.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 76/2024-8 għall-perjodu bejn il-25 ta' Jannar 2024 u l-21 ta' Frar 2024 li tammonta għal €21,321.51 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier Mark Busuttil is-sekondant.

**76.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

76.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 21 ta' Marzu 2024 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 21 ta' Marzu 2024.

IFFIRMATA
Damien Spiteri
Sindku

IFFIRMATA
Ryan Debrincat
Segretarju Eżekuttiv